KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 31

**Il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5:30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (onlajna minħabba safar)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 31.1 Qari tal-Apoloġiji

31.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 29 u 30

31.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

31.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 29 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

31.2.3 Il-minuti tas-seduta b'urġenza bin-numru 30 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 31.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa dwar it-telgħa il-Kavallier Vincenzo Bonello bejnu, is-SE u rappreżentanti ta' TM. Sadanittant huwa informa li s-SE kienet irranġat il-paragrafu fuq FB u għaldaqstant issa r-residenti jafu li t-triq se ssir fuq direzzjoni unika. Huwa fakkar li d-deċiżjoni ttieħdet b'mod unanimu u ladarba l-Kunsill kollu konvint minn dan il-pass il-Kunsill għandu jibqa' magħqud u jiffaċċja r-reżistenza li se jkun hemm. Huwa fakkar ukoll li din id-deċiżjoni ttieħdet wara li kien sar studju xjentifiku minn uffiċċju tal-perizja urbana biex it-triq tingħata lura lil min se jagħmel l-eżerċizzju b'xi mod jew ieħor. Hawnhekk huwa saħaq fuq l-importanza li jkun hemm il-bollards sabiex jiddistingwu ż-żona ta' bejn min jimxi u min qed isuq.

31.3.2 Is-Sindku informa li fil-bandli kienet qed issir manutenzjoni sħiħa skont rapport mill-Uffiċċju tal-Health and Safety qabel ma dan jiġi devolut lill-Kunsill Lokali. Huwa qal li kienet se tinżamm konferenza stampa marbuta ma' din id-devoluzzjoni ta' responsabbiltà.

31.3.3 Is-Sindku informa li dwar il-pjazza għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet iżda ġie mgħarraf li għal Settembru għandu jkun inbeda xi xogħol. Sadanittant kien infurmat li kellha tiddaħħal applikazzjoni għat-tisbiħ mal-PA.

31.3.4 Is-Sindku informa li kien qed jiddiskuti ma' xi kuntatti li għandu fir-rigward tar-rikjesta għall-fondi sabiex jitlesta l-Visitors Centre. Sadanittant is-SE infurmat li x-xogħol kien tkompla u matul il-ġimgħat li ġejjin kien se jibda x-xogħol fuq is-saqaf.

31.3.5 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li kienet għadha qed tiġri wara l-kuntrattur biex ikompli x-xogħol tal-M&E's. Is-Sindku talab lis-SE tikkonferma mal-inġinier jekk jistgħux isiru xi floodlights oħrajn biex jinxtegħel il-kumplament ta-torri. Is-SE infurmat li hi kienet diġà kellmitu u kien infurmaha li parti kbira mit-torri se jkun fid-dlam. Barra minn dan fakkret li

31.3.6 fil-mument m'hemmx aktar fondi biex isiru xogħlijiet ġodda fuq dan il-proġett. Kien hemm qbil iżda li s-SE għandha terġa' tagħmel kuntatt mal-inġinier.

31.3.7 Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li issa li l-proġett huwa tista' tgħid lest, seta' jsir anke l-ftuħ uffiċjali tiegħu. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tikkonferma meta se jitwaħħlu l-floodlights biex tiġi ffissata l-ġurnata tal-ftuħ.

## 31.4 Iffirmar ta' ftehim – Promozzjoni tad-dimensja fil-lokalità

31.4.1 Is-SE infurmat li kellu jiġi ffirmat ftehim dwar il-promozzjoni tad-dimensja fil-lokalità tal-Imtarfa iżda dan kellu jiġi pospost minħabba li l-Ministru kien spiċċa pożittiv għall-Covid.

## 31.5 Ftuħ ta' kont bankarju għall-proġett tal-MAGF – Miżura 19.2 (Grant Agreement No. 21756/253924/2021)

31.5.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ġie mitlub jiftaħ kont bankarju ġdid sabiex fih jitpoġġew il-fondi li jiġu mgħoddija fir-rigward ta' Miżura 19.2

31.5.2 Il-Kunsill qabel li l-kont għandu jinfetaħ sabiex is-SE tkun tista' tibda taffetwa x-xogħlijiet skont kif approvati.

## 31.6 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

31.6.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-attivitajiet li kienu pjanati kienu se jippruvaw jagħmluhom f'Settembru jew f'Ottubru li ġej.

31.6.2 Sadanittant infurmat ukoll li kienu komplew jizviluppaw l-ideat dwar il-*book launch*.

## 31.7 Punti Oħra

31.7.1 Is-SE infurmat li Ambjent Malta ma kinux aċċettaw li jħallsu *extra* għax-xogħol tal-Konsulent Ekoloġiku tal-Kunsill minħabba li kienu se jaħdmu bil-ġardinara u makkinarju tagħhom u mhux se jdaħħlu kuntratturi esterni f'dan il-proġett. Għaldaqstant is-SE talbet lill-Kunsill biex jikkunsidra li jżid ftit sigħat oħra fil-ġimgħa sabiex għallanqas ikun hemm ko-ordinament waqt ix-xogħlijiet li se jkunu qed jagħmlu l-ġardinara ta' AM u jkun hemm persuna *accountable* min-naħa tal-Kunsill li jkun qed josserva x'qed isir. Il-Kunsill qabel li għalkemm mhux possibbli għall-Kunsill li jħallas biex is-Sur Camilleri jkun preżenti matul il-ġurnata kollha matul ix-xogħlijiet, kien importanti li jkun hemm persuna f'isem il-Kunsill li qed taċċerta x'qed isir. Għaldaqstant kien hemm qbil li jiżdiedu numru ta' sigħat fil-ġimgħa biex huwa jkun jista' jikkordina l-ħaddiema u x-xogħlijiet li jkunu qed isiru filwaqt li ma jkunx obbligat li jitraskura xogħol ieħor biex ilaħħaq.

31.7.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Konsulent Ekoloġiku u mas-Sur Arthur Perici sabiex possibbilment jiddaħħal applikazzjoni fuq il-Proġett Bellus, li huwa *fully funded*.

31.7.3 Sadanittant infurmat li x-xogħol kien twaqqaf temporanjament mill-ERA minħabba li l-permess ta' AM ma kienx ikopri x-xogħol kollu li se jsir minnhom. Hija qalet li għamlitilhom premura li dan ix-xogħol irid isir sakemm it-triq hija magħluqa.

31.7.4 Is-SE infurmat li kienet ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-Electric Van u d-data tal-għeluq kienet nhar il-31 ta' Awwissu 2021. Fuq talba tas-SE kien hemm qbil li l-bord tal-evalwazzjoni għall-offerta tal-Electric Van għandu jikkonsisti minn Kyle Mifsud, Simon Fenech u Christianne Mifsud.

31.7.5 Is-SE infurmat li aktar kmieni kienet irċeviet ir-riżenja tal-librara u għaldaqstant kienet se tikkomunika mal-Malta Libraries biex jinħareġ avviż għal librar/a ġdid/a. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tintbaghat ittra ta' ringrazzjament u apprezzament tax-xogħol tagħha fil-komunità tal-Imtarfa.

31.7.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tas-Segretarja tal-MaltaClassic fir-rigward tal-Mdina Grand Prix. Huma kienu talbu li tinżamm laqgħa ta' koordinament mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku bħala l-kunsillier responsabbli mit-*traffic management* għandu jiltaqa' magħhom f'isem il-Kunsill.

31.7.7 Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-iskart kien qed joġġezzjona li jiġbor l-iskart minn madwar id-*drop off points* u l-bring in sites hekk kif għandu miktub fuq il-kuntratt u għaldaqstant talab laqgħa mal-Kunsill. Hija fakkret li l-kuntrattur diġà qed jitħallas ta' dan ix-xogħol awtomatikament għaliex huwa inkluż fil-lump sum li tefa' meta rebaħ it-tender għaliex il-ġabra ta' kwalunkwe tip ta' skart sa madwar 3m mad-dawra tal-bring in sites u drop off points qegħda mniżżla bħala waħda mill-ispeċifikazzjonijiet. Għaldaqstant hija kienet offrietlu soluzzjoni li minflok jitħallas extra għal ġbir ta' skart goff kif kien qed jitlob, jibqa' jitħallas kif inhu bħalissa imma tibda tinħariġlu lista apparti ta' kull ġimgħa bl-affarijiet li għandu jarmi biex ma jkollux problemi mal-Wasteserv. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-SE u anke dwar il-fatt li m'hemmx għalfejn issir laqgħa miegħu ladarba diġà hemm speċifikat x'għandu jsir bil-miktub fuq il-kuntratt u ffirmat miż-żewġ partijiet.

31.7.8 Il-Kunsillier Fenech informa li xi residenti qalulu li kellhom problema biex jinġabrilhom l-iskart goff għaliex l-amministrazzjoni ma kinitx qed taċċetta aktar minn 4 affarijiet. Hawnhekk is-SE fakkret li l-amministrazzjoni timxi skont l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender. Min-naħa l-oħra hija qalet ukoll li ħafna drabi jippruvaw jgħaddu suġġerimenti lir-residenti kif jistgħu jagħmlu biex ma jkollhomx aktar minn 4 affarijiet biex jassiguraw li dak li jkollhom jinġabar f'darba. Imma ovvjament dan ma japplikax għal min ikun irid jarmi xi dar għamara jew min inaddaf xi garaxx u jkollu trakk sħiħ waħdu. Hija fakkret lill-Kunsill li jkun hemm madwar 30 ġabra kull ġurnata u għaldaqstant kemm-il darba l-Kunsill ikollu jiġbor aktar minn 4 affarijiet għal kull residenza, se jispiċċa jun hemm residenti li ma jinqdewx. Il-Kunsill qabel mas-SE imma talabha biex f'każijiet li jidhru ġenwini, il-Kunsill għandu jipprova jgħin biex nimmassimizzaw is-servizz.

31.7.9 Is-SE għamlet riferenza għall-*email* li kienet bagħtet fir-rigward tar-rapport tal-evalwazzjoni li ttella' bi żball fuq is-sistema tal-epps bil-firma tal-Viċi Sindku meta dan ma kienx evalwatur. Hija infurmat li 4 minn 5 kunsilliera kienu diġà kkonfermawlha permezz tal-*email* li qed jaqblu li għandu jittella' r-rapport it-tajjeb f'sezzjoni oħra tas-sistema biex ikun hemm trasparenza. Is-SE iċċirkolat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni t-tajjeb li kien se jittella'. Hija

reġgħet tenniet li l-iżball kien biss fil-firma żejda u ma kienx se jaffettwa lill-*bidders* jew il-bid innifisha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

31.7.10 Is-SE infurmat li kienet ġabet kwotazzjonijiet għal xi materjal għal taħt il-*gym equipment* ta' Ġnien is-Sinjura. Minħabba li l-kuntrattur li kien intagħżel l-ewwel kien infurmaha li qed jikkanċella l-ordni u mbagħad eventwalment bagħtilha kwotazzjoni li hija bil-wisq ikbar minn *direct order*, hija talbet lill-Kunsill sabiex minflok *liquid rubber* jitpoġġa turf fuq *direct order* u x-xogħol kif ukoll il-proġett kollu jkun jista' jingħalaq sal-aħħar tax-xahar. Il-Kunsill iżda qabel li għandu jsir liquid rubber minflok artificial turn u għaldaqstant talab lis-SE biex tipproċedi fuq din il-linja.

## 31.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

31.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 7/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 31.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

31.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:10pm u ġiet aġġornata għal 31 ta' Awwissu fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |